MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2012

Numru. 861/2002

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT ALEXANDRA MAMO**

**KONTRA**

**DESMOND SCERRI ta' 40 sena, iben Angelo u Mary nee' Gerada, imwieled Tal-Pieta' nhar l-14 ta' Settembru, 1971, residenti fil-fond Jianmari, Flat 2, Mdina Road, Naxxar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 406371M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Desmond Scerri** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, u cioe' fit-2 ta' April, 2002, u fil-jiem ta' qabel u wara l-imsemmija data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' approprja ruhu minn zewg (2) catering/bar point of sales system, li jammontaw ghal aktar minn Lm2,000.00, liema apparat jappartjeni lis-socjetea' VJ Salamone (Equipment) Ltd, u persuni ohra, dan ir-reat sar minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga, jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, u cioe' fil-kapacita' tieghu ta' direttur tal-istabbiliment 'Boot Leggers Bar' sitwat gewwa Paceville, bi ksur tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat fi stadju ta' interrogatorju wiegeb illi ma kienx hati ta' l-istess, kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll f'dan ir-rigward il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghall-istess (folio 24 u 26).

Rat ukoll illi aktar tard fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu (vide seduta 01.02.2012, folio 128).

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza ticcentra zewg point of sales machines li l-imputat xtara minghand is-socjeta' SG Solutions, u li ghalhekk dahal f'kuntratt ma' l-istess socjeta' fuq l-istess magni – parti minn dan il-ftehim fil-fatt kien li dawn il-magni jibqghu proprjeta' tas-socjeta' msemmija sakemm isir il-hlas finali u komplet taghhom (folio 44 – 49). Il-hlas ma sarx u mitlub jirritorna l-istess magni lis-socjeta' kreditrici, l-imputat m'ghamilx dan. Ingabet prova ta' zewg ragunijiet ghal dan – li hu minn jeddu tahom lil Grima a saldu ta' kera dovuta fuq il-fond Boot Leggers, li ttihdulu l-istess minn Grima a saldu tal-kera.

Aktar tard fil-mori tal-kawza, kif gia' inghad l-imputat irregistra ammissjoni. Tela' jixhed ukoll Mario Schembri in rapprezentanza ta' SG Solutions li qal illi l-imputat kien dahal f'arrangament mas-socjeta' biex jissalda d-dejn dovut.

Jidher mix-xhieda ta' Schembri li s-socjeta' kienet sodisfatta b'dan l-arrangament.

Ikkunsidrat:

Illi in vista' ta' l-ammissjoni kif ikkonfermata, din il-Qorti qieghda ssib htija wara li rat l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Qieset l-ammissjoni tieghu u l-ftehim li sar mal-kumpanija, u qieghda, wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn(2) mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------